Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

# MILL-AVVENTURI TA' EMILJA
## Jum il-Mixi u r-Rota

Ħbieb, jekk taħsbu li l-iskola tibda biss meta tidħol fil-klassi rrid ngħidilkom sigriet ċkejken bejnietna... Il-ġurnata tiegħi l-iskola bdiet minn qabel, minn meta tlaqt mid-dar filgħodu!

Wasal l-aħħar jum tal-ġimgħa u bħas-soltu qomt kmieni ħafna, ħadt il-kolazzjon u bdejt inħejji ruħi għall-iskola. Imma mhux għax kont se nitla' fil-karozza flimkien mal-papà Ġorġ.

Le, le! Illum kienet ġurnata speċjali, għax kont se mmur l-iskola u nżanżan ir-rota l-ġdida tiegħi, u miegħi kellha tiġi n-nanna Lina, timxi ħdejja.

Kont eċitata daqslikieku kont se mmur il-bandli biex nilgħab u nitbandal! Tlaqt niġri lejn is-salott, fejn in-nanna kienet diġà liebsa ġakketta safra tixgħel bħal-lellux. F'idejha kellha faxxa tal-idejn li kienet tixgħel isfar daqs ir-raġġi sbieħ tax-xemx, u minnufih tatha lili. B'ferħ u entużjażmu liema bħalhom ilbist l-elmu tas-sigurtà f'rasi u l-faxxa tal-idejn.

"Lesta, Emilja? Tinsiex tilbes il-faxxa f'idejk qabel ma mmorru, għax dik importanti ħafna fis-sewqan tar-roti!" qaltli n-nanna b'dik il-vuċi ħelwa u bit-ton ġentili tagħha.

"Dażgur, Nann! Kemm jien eċitata!" weġibtha fil-pront, jien u tielgħa fuq ir-rota l-ġdida tiegħi. "Imma din il-faxxa għal xiex inhi eżatt, nann?" staqsejtha bla tlaqliq.

"Emilja, dik importanti ħafna għax il-kulur tagħha jixgħel, biex kull min ikun qed jużа t-triq, kemm min ikun miexi kif ukoll min ikun qed isuq il-karozza u anke roti oħra, ikun jista' jarak sew, u dan għas-sigurtà ta' kulħadd!" tarrfitli n-nanna Lina, bi tbissima kbira fuq xofftejha.

Niftakar lill-għalliema tagħna dejjem tgħidilna: "Meta ssuq ir-rota trid toqgħod attent u tħares 'il quddiem, tagħmel sinjal b'idejk meta trid iddur u tkun taf x'hemm madwarek il-ħin kollu." U jien hekk għamilt, tafux!

"Kont taf, Emilja," qaltli f'daqqa waqt li konna għaddejjin biswit il-Ġnien tal-Komunità, "li b'dan li qed nagħmlu qed ngħinu lilna nfusna, lil ħaddieħor u lill-pajjiż tagħna wkoll?"

Ħadt nifs profond 'il ġewwa u bejni u bejn ruħi għedt, "Kemm hi brava n-nanna Lina! Kienet qed tgħid il-verità!"

Meta wasalna l-iskola kienu diġà nġabru ħafna tfal. Xi wħud kienu ġew bil-mixi u oħrajn qabdu r-rota bħali.

"Emilja! Ġejt bir-rota?" staqsewni. U bi tbissima weġibthom, "Iva, u n-nanna ġiet miegħi bil-mixi!"

It-triq kienet sabiħa. In-nies li rajna kienu kollha ferħanin u kalmi. Ma kienx hemm ħafna traffiku, u n-nanna kienet miegħi f'kull pass waqt il-vjaġġ. Tkellimna dwar l-importanza li mmorru l-iskola b'mod nadif, minflok bil-karozza, u kemm ikun tajjeb għall-ambjent, għal saħħitna u anke għall-kuntentizza ġenerali tagħna.

Mal-għalliema tkellimna dwar kif nistgħu nkunu tfal ta' eżempju, li nieħdu ħsieb l-ambjent u nassiguraw ruħna li mhux dejjem ikollna nistrieħu fuq il-karozzi.

Tkellimna dwar kif xi kultant nistgħu mmorru l-iskola bil-mixi, bir-rota jew ma' xi membru tal-familja li jimxi magħna wkoll.

L-għalliema faħħritna u qaltilna li kull vjaġġ żgħir b'mod sostenibbli jgħin biex innaqqsu t-traffiku u l-ħmieġ fl-arja, u jżommna f'saħħitna għax inkunu qed nagħmlu l-eżerċizzju.

Meta spiċċat l-iskola ħriġt barra u n-nanna kienet hemm, tistenna b'idejha miftuħin, lesta biex tilqagħni fi ħdanha u tagħtini l-akbar tgħanniqa.

"Għada nerġgħu mmorru dawra mill-ġdid, nann?" staqsejtha bil-ħerqa.

"Dażgur li nerġgħu mmorru, Emilja! U did-darba mmorru sal-bandli bir-rota, ukoll!" tat b'rasha biex turini li taqbel miegħi n-nanna.

Ħbieb, kif għedtilkom fil-bidu, l-iskola ma tibdiex biss mill-klassi. Tibda mid-dar, bir-rota, bil-mixi... u jekk ikolli lin-nanna Lina miegħi takkumpanjani fil-vjaġġ, kull triq tinbidel f'avventura sabiħa, ta' tagħlim u ta' ferħ indimentikabbli!

